MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Citazzjoni Numru. 1142/2003

A.T.G. Company Limited
vs
HSBC Bank Malta p.l.c.

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha esponiet :

Illi s-socjeta` attrici rceviet ordni ghall-esportazzjoni ta' merkanzija lejn l-esteru u insistiet li tircievi l-hlas qabel ma tirrilaxxa l-istess merkanzija;

Illi s-socjeta` attrici ghal dan il-ghan irceviet *draft* mahrug mill-bank esteru Saudi British Bank fl-ammont ta' tmintax-il elf dollaru Amerikan (US$18,000);

Illi l-bank konvenut offra servizz ta' *encashment* ta' l-imsemmi *draft* esteru izda avza li *d-draft* kellu jigi

depozitat f'kont mal-istess bank konvenut sakemm jissarraf;

Illi fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Novembru elfejn u tnejn (2002) is socjeta` attrici iddepozitat id-*draft* esteru mal-bank konvenut skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess bank, bl-intiza li l-fondi ma jkunux a dispozizzjorii taghha tul il-perjodu li jkun hemm bzonn biex id-draft jigi processat u jissarraf;

Illi fid-disgha (9) ta' Dicembru elfejn u tnejn (2002) rapprezentant tal-branka ta' San Gwann tal-bank konvenut informa lis-socjeta` attrici li d-*draft* precedentement depozitat kien *cleared* u li ghalhekk il-fondi kienu jistghu jintuzaw liberament;

Illi s-socjeta` attrici agixxiet fuq l-informazzjoni moghtija mill-bank konvenut u irrilaxxjat il-merkanzija lejn l-esteru;

Illi fit-tmintax (18) ta' Jannar elfejn u tlieta (2003) il-bank konvenut informa lis-socjeta` attrici li d-*draft de quo* effettivament ma kienx issarraf;

Illi minhabba n-negligenza u non-osservanza ta' prattici bankarji tajba da parti tal-bank konvenut is-socjeta` attrici sofriet danni ;

Illi s-socjeta` attrici interpellat lill-bank konvenut sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti minnha izda baqa' inadempjenti;

Illi fid-9 ta' Dicembru 2002 is-somma ta' US$18,000 kienet ekwivalenti ghal sebat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm7,616.79);

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddikjara li bl-agir fuq deskritt il-bank konvenut huwa responsabhli ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fl-ammont ta’ sebat elef sitt mija u sittax-il lira Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm7,616.79);

3. Tikkundanna lill-Bank konvenut ihallas is-somma hekk likwidata lis-socjeta` attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-9 ta’ Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-bank konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ HSBC Bank Malta p.l.c. li biha eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi:

a) ma kien hemm ebda negligenza jew nuqqas ta’ osservanza ta’ prattici bankarji jew responsabbilta` ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici da parti tal-bank konvenut meta iddebita l-kont tas-socjeta` attrici kif mitluba fl-ewwel talba fic-citazzjoni.

b) minghajr pregudizju, irrizulta li l-*bank draft* li s-socjeta` attrici iddepozitat fil-kont taghha kien wiehed falz (Dok “A, “B” u “C”). Is-socjeta` attrici kienet negligenti, biex ma jinghadx frawdolenti, meta accettat l-ordni in kwistjoni u l-*bank draft* relattiv. Ghalhekk ma tistax issa tipprova tattribwixxi l-allegati danni li sofriet lill-bank konvenut. Ghan-negligenza, jekk mhux ukoll frodi, tas-socjeta` attrici ghandha tbati l-konsegwenzi ta’ l-allegati danni sofferti minnha l-istess socjeta` attrici.

c) minghajr pergudizzju, fuq id-*deposit slip* li iffirmat is-socjeta` attrici meta iddepozitat il-*bank draft*, hemm miktub u ghalhekk gie patwit bejn il-partijiet illi l-Bank jirriserva d-dritt illi jiddebeta l-kont tal-klijent f’kaz illi *bank draft* ma jigix onorat – kif gara fil-kaz prezenti (Dok “D”).

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Gew prezentati l-affidavits ta' Oliver Attard, Mark Scalpello, Ivan Chircop u tal-P.L. Jonathan de Maria, u xehdu Oliver Attard u Joanna El Sayees.

Gew esebiti wkoll diversi dokumenti.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-kaz:***

Bhala fatti, is-socjeta` attrici sostniet li kienet irceviet ordni ghall-esportazzjoni ta' merkanzija lejn l-esteru u insistiet li tircievi l-hlas qabel ma tirrilaxxa l-istess merkanzija. Kienet irceviet *draft* mahrug mill-bank esteru *Saudi British Bank* fl-ammont ta' tmintax-il elf Dollaru Amerikan (US$18,000). L-imsemmi *draft* esteru kellu jigi depozitat f'kont mal-istess bank konvenut sakemm jissarraf. Fis-26 ta' Novembru 2002 is-socjeta` attrici iddepozitat id-*draft* esteru mal-bank konvenut skond l-istruzzjonijiet ta' l-istess bank, u fid-9 ta' Dicembru 2002 il-bank konvenut informa lis-socjeta` attrici li d-*draft* precedentement depozitat kien *cleared* u li ghalhekk il-fondi kienu jistghu jintuzaw liberament. Is-socjeta` attrici agixxiet fuq l-informazzjoni moghtija mill-bank konvenut u irrilaxxat il-merkanzija lejn l-esteru. Izda fit-18 ta' Jannar 2003 il-bank konvenut informa lis-socjeta` attrici li d-*draft de quo* effettivament ma kienx issarraf.

Ghalhekk, is-socjeta` attrici ipprocediet bil-kaz odjern fejn qed titlob l-ammont ta' sebat elef, sitt mija u sittax-il Lira

Maltin u disgha u sebghin centezmu (Lm7,616.79) bhala danni mill-Bank, peress li gie allegat mis-socjeta` attrici li l-Bank kien responsabbli ghal dan it-telfien.

Ghalhekk is-socjeta` attrici insistiet fuq in-negligenza u non-osservanza ta’ prattici bankarji tajba da parti tal-Bank konvenut u konsegwentement ir-responsabbilita` ta’ l-istess Bank, u wara dahlet biex irreferiet ghad-danni sofferti.

Irrizulta li s-socjeta` attrici kienet ikkomunikat permezz ta’ l-*internet* u bl-*e-mails* ma’ Oladinay Olama fin-Nigerja. Is-socjeta` attrici insistiet li tircievi l-pagament minn qabel, u meta gie ricevut dan il-*Bank Draft*, Oliver Attard ghas-socjeta` A.T.G. *Company Limited*, mar il-Bank biex jiddepozita dan ic-cekk fejn inghata parir li jiftah kont u jiddepozita c-cekk fih, u sussegwentement kellu jkun jaf wara erba’ gimghat, jekk il-*bank draft* issarrafx. Oliver Attard semma fix-xhieda tieghu li tkellem ma’ impjegat tal-Bank, Ivan Chircop, li wara li baghatlu *fax copy* tac-cekk, qallu li dan ic-cekk kien jidher tajjeb. Izda Ivan Chricop fix-xhieda tieghu cahad dan kategorikament (fol 73). Minbarra hekk, Oliver Attard ikkonferma l-firma tieghu fuq id-dokument a fol 20 tal-process. L-unika persuna li tikkonferma li kellha xi kuntatt ma’ Attard dwar iċ-ċekk hija Joanna El Sayess li tgħid “*I advised client that funds were cleared*” u dan *wara* d-9 ta’ Diċembru, 2002. Gara li f’Jannar, 2003 il-Bank konvenut irċieva *swift message* mill-Bank fl-Amerka fejn ġie infurmat illi l-*bank draft* li kien ġie depożitat minn ATG kien frawdolenti, ma kienx ġie onorat minn diversi banek fl-Amerka u li l-*Union Planters Bank* fuq kollox anqas kellha *branch* ġewwa New York.

***<u>D2. Klawsola ta’ riserva mill-bank :</u>***

Illi hemm stipulat f’dan l-istess dokument a fol 20 tal-process li:

“*Customers are advised that the Bank reserves the right to claim refund and/or debit their account in respect of effects which are unpaid or lost in transit (without loss of exchange where applicable) plus all charges.*”

Il-kontenut f'dan id-dokument johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet **Frendo vs Caruana** jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, ikun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta tat-22 ta' Gunju 2004, fl-ismijiet **Simpson vs Saliba.** Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Albert Brincat vs Anthony Saliba** deciza fl-14 ta' Novembru 1983, jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba: izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16. Ukoll min jallega fatt ghandu l-piz ta' prova fuq spallejh – **Gustav Ricci vs Harry Latzen** deciza minn din il-Qorti fit-18 ta' Frar, 1965.

Wiehed ghandu joqghoq certament attent minn klawsoli ta' din in-natura ghax altrimenti hemm ir-riskju li kullhadd ifarfar irresponsabbilta` ta' dak li jaghmel. Huwa veru li din mhux wahda minn dak l-enormita` ta' kundizzjonijiet *in small print* fuq wara ta' xi formola izda kundizzjoni wahda qasira u cara, izda dejjem wiehed irid jara l-forza taghha. Infatti kien ghalhekk li fin-nota taghha s-socjeta` attrici kitbet hekk:
"Li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tinterpreta din il-klawsola bil-mod specifiku kif qieghed jinterpretaha l-Bank konvenut, allura naslu f'sitwazzjoni assurda fejn kull klijent Ii jsarraf *cheque* (u dan ovvjament wara Ii l-ewwel jigi *cleared* mill-Bank), fl-eventwalita` Ii jinqalghu cirkustanzi antecedenti ghat-tisrif ta' dan ic-*cheque* u sussegwentement jirrizulta Ii dan fattwalment ma ssarrafx, wiehed jista' jsib ruhu f'posizzjoni Ii jkollu jaghmel tajjeb bi flusu, minkejja Ii tali *cheque* ikun gie *cleared* mill-Bank. BI-akbar umilta` jigi sottomess Ii huwa l-kompitu tal-Bank Ii jivverifika u jsegwi l-proceduri kollha necessarji sabiex jassigura ruhu Ii kwalunkwe *cheque* Ii jigi *cleared* ikun fattwalment jista' jigi jissarraf. Ghas-sahha ta' l-argument

jigi rilevat li li kieku din l-Onorabbli Qorti kellha tinterpreta din il-klawsola bil-mod li qieghed jinterpretaha l-Bank konvenut, allura jkollna naslu f’sitwazzjoni fejn minflok li jkun l-istess Bank li jerfa’ r-responsabbilita` ghal kull zball, kull nuqqas ta’ osservanza ta’ prattici bankarji tajba u kull nuqqas ta’ professjonalita` da parti tieghu, ikun il-klijent tieghu stess li jigi pregudikat;

Illi minn dak suespost jidher car li l-Bank konvenut qieghed jipprova jfarfar mir-responsabbilita` tieghu billi jipprova jikkontendi li l-Bank konvenut ma kienx negligenti fil-prattici bankarji tieghu u li konsegwenternent qieghed jipprova jxejjen ukoll in-ness u l-konnessjoni bejn l-istess negligenza lampanti da parti tieghu stess u d-danni ikkawzati.”

Min-naha l-ohra l-bank intimat issottometta li bil-firma tieghu Oliver Abela kien qiegħed jaċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija u jorbot bihom lill-kumpanija tiegħu. Kien qiegħed għalhekk jagħti l-kunsens tiegħu sabiex f’każ li *l-bank draft* ma jiġix onorat, il-Bank jiddebita l-kont ta’ ATG Company Limited. Jinsisti li *pacta sunt servanda* (**Salvu Fenech vs Malta Dairy Products**, Prim’Awla, 30 ta’ Ottubru 2003), u li a bazi ta’ l-artikolu 1002 tal-Kapitolu 16:
“Meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni”.

Meta jkun hemm skrittura iffirmata minn parti, hu prezunt li hu accetta dak kollu li jkun regolat fl-iskrittura, u jridu jirrizultaw provi cari u konkludenti biex jigi skartat dak li kien hemm miktub (**Joseph Mamo vs Joseph Grech et**, Prim’Awla, 3 ta’ Ottubru 2002).

Il-P.L. Jonathan de Maria spjega l-procedura f’kazijiet ta’ *bank drafts* jew cekkijiet mahruga minn banek barranin, fejn il-procedura hi li tali cekk ma jissarrafx, izda jigi depozitat, il-valur li jkun hem fic-cekk jigi imblukkat ghal perjodu bejn tmintax u hamsa u tletin gurnata; izda appena jghaddi dan il-perjodu hija prassi li l-Bank jaghti l-possibbilta` lill-klijent li jigbed u juza l-ammont ekwivalenti

ghall-valur tac-cekk, fi kliem iehor, jaghti facilita` li jkunu jistghu jintuzaw il-flus. Meta mbaghad jirrizulta li jkun hemm xi problema b'cekk, din il-facilita` titwaqqaf immedjatament, u jekk ikun hemm bilanc disponibbli, il-kont tal-klijent jigi addebitat (fol 74). Dan fil-fatt, huwa rifless f'dak li hemm imnizzel fil-formola a fol 20, hekk kif gie citat hawn fuq.

Irrizulta wkoll li Joanna El Sayees, bhala impjegata tal-Bank dak iz-zmien kienet harget id-dokument a fol 77 tal-process. Illi f'dan id-dokument hemm imnizzel li "*Eventually I advised client that funds were cleared*."

Il-Bank issottometta li dan ma kienx ifisser li l-ammont depozitat ma kienx aktar "*on hold*", izda kienet qed tinghata l-facilita` lis-socjeta` attrici li tuza l-ammont depozitat hekk kif kienet il-procedura tal-Bank. Din id-dicitura, "*funds were cleared*" ma kenitx izda tiggarantixxi l-validita` tal-*bank draft*.

Il-Qorti tirreferi ghall-kawza fl-ismijiet **PMark Ltd. vs Lombard Bank Malta p.l.c.** tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza fit-18 ta' Frar 2005, fejn il-fatti tal-kaz kienu simili hafna ghall-kaz odjern, u fejn gie ritenut li :
"Il-Qorti tifhem illi r-relazzjoni tas-socjeta` attrici mal-Bank konvenut hija dik ta' beneficcjarju u girant ta' kambjala ma' giratarju. L-attrici iggirat ic-*cheque* – li hu forma ta' kambjala fejn it-trattarju huwa bank – lill-konvenut sabiex il-konvneut jiskontah favur taghha. Il-bank imbaghad iggira c-*chequ*e favur il-korrispondent tieghu, u thallas minghandu, u l-korrispondent tal-Bank ipprezenta c-*cheque* ghall-hlas ghand il-Bank trattarju sabiex dan jiddebita l-kont li kellu mieghu t-traent. Gara izda li c-*cheque* ma kienx tassew mahrug minn min kien jidher fuqu bhala traent, u ghalhekk il-bank trattarju ma setax jaddebitalu l-kont. Ghalhekk, dar kontra l-giranti tieghu, li kien il-korrispondent tal-Bank konvenut, il-korrispondent dar kontra l-giranti tieghu li kienet is-socjeta` attrici.

Illi f'dan l-istess kaz saru referenzi ghall-artikoli 140(1) u 193 tal-Kodici tal-Kummerc li jiddisponi:

L-artikolu 140(1): “Il-girant iwiegeb lejn kull pussessur ta’ wara ghall-accettazzjoni u ghall-hlas ta’ kambjala,” u

L-artikolu 193: “Il-pussessur ta’ kambjala li jircievi l-hlas taghha, u l-giranti kollha ta’ qablu, huma garanti lejn dak li hallsha tal-validita` tal-giri kollha ta’ qabel.”

***D3. Responsabbiltajiet tal-bank :***

Min-naha tas-socjeta` attrici, din insistiet fuq in-negligenza u n-nuqqas ta’ osservanza ta’ prattici bankarji tal-bank konvenut. Irreferiet ghas-sentenza **Woods vs Martins Bank Limited** [Robert J. Schwartz, Clifford W. Smith Jr., Derivatives Handbook, Risk Management and Control (1997)] fejn gie dikjarat li Bank huwa *“under a duty of care to a customer”* kif ukoll li l-Bank *“owes a duty to its customer to advise him with reasonable care and skill”*.

Sostniet li Joanna Falzon ikkonfermat li l-Bank konvenut kien informa lil Oliver Attard (bhala rapprezentant tas-socjeta` attrici) li c-*cheque* in kwistjoni kien issarraf. Fil-fatt iddikjarat ukoll li kienet hija stess li tatu tali informazzjoni. Fi kliem l-istess Joanna Falzon, *“eventually I advised client that funds were cleared”*. Ukoll Doriette Camilleri, *Assistant Manager* tal-Bank konvenut, stqarret li *“staff at San Gwann only advised Mr. Attard that funds were no longer considered uncleared”*. Is-socjeta` attrici sostniet li l-bank konvenut biddel il-verzjoni tieghu billi fl-ewwel lok iddikjara li l-fondi ma baqghux jigu kunsidrati bhala *“cleared”* (Dok OA16 esebit A Fol 56 tal-process) filwaqt li sussegwentement irrileva li huwa qatt ma ta l-*clearance* relattiva ghall-*encashment* ta’ dan ic-*cheque.* A bazi ta’ dan is-socjeta` attrici sostniet li l-Bank konvenut agixxa b’mod negligenti fil-konfront tas-socjeta` attrici u li *di piu`* l-istess socjeta` attrici (li hadet dawk il-mizuri u l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex tissalvagwardja l-posizzjoni finanzjarja taghha) ma setghet taghmel xejn aktar hlief li tafda fil-Bank konvenut f’kull istruzzjoni li huwa jaghtiha. Infatti s-socjeta` attrici stenniet l-istruzzjonijiet min-naha tal-Bank konvenut u l-konferma li d-*draft* kien fattwalment *cleared* gabel ma effettwat l-ordni u irrilaxxat il-merkanziia lejn l-esteru.

L-istess socjeta` attrici insistiet li hadet il-prekawzjonijiet kollha necessarji u infatti b'referenza ghad-dikjarazzjoni tal-Prokuratur Legali Jonathan de Maria ghan nom tal-Bank konvenut li irrimarka li :
"kulhadd jaf kemm saru tentattivi ta' frodi minn kumpaniji u individwi Nigerjani u s-socjeta` attrici, li ilha fin-negozju ghal snin twal messha kienet ultra kawta f'negozjati ta' dan it-tip".

Irrilevat li fuq l-istess principju u argument tal-Prokuratur Legali Jonathan de Maria, il-Bank konvenut kellu wkoll l-obbligu li juza l-kawtela fil-prassi tieghu u jivverifika b'mod cert dwar dan l-imsemmi *draft* u dan anke in vista tal-fatt li l-Bank konvenut ghandu l-obbligu li jhares kemm l-interessi tieghu kif ukoll tal-klijent tieghu. Bl-istess ragunar is-socjeta` attrici tirreferi ghat-twissijiet ufficjali mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta kif ukoll mill-Malta Financial Services Authority (MFSA).

Fil-kaz odjern il-Bank konvenut ġie infurmat illi mhux se jitħallas tal-*bank draft* għaliex dan kien frawdolenti u għalhekk iddecieda li jaddebita l-kont tal-kumpanija attriċi. L-intimat sostna li hu kien qiegħed sempliċiment jeżerċita dritt li kien jispetta lilu ai termini tal-ftehim tiegħu mal-attriċi in linja mal-prinċipju *pacta sunt servanda*. Sostna li bil-kliem *funds were cleared*, l-ammont depożitat ma kienx *on hold* u li dan ma jfissirx li l-Bank ikun qiegħed jagħti xi garanzija dwar il-validità tal-*bank draft*. Il-bank stqarr li l-logħba li intlagħbet fuq il-Bank kien li ċ-ċekk kien miġbud fuq Bank li ma kellux fergħa ġewwa New York kif ukoll kellu *routing number* ħażin u ghalhekk iċ-ċekk baqa' jdur mal-Istati Uniti sakemm instab il-Bank li fuqu nġibed – kien b`hekk ir-risposta damet aktar mis-soltu.

Din il-Qorti thoss li meta fondi jigu *cleared* il-klijent taht cirkostanzi normali ghandu jhoss li kollox huwa sewwa u li ghalhekk jista' jipprocedi biex fil-kaz in ezami jibghat il-merkanzija. Ma jistax wiehed jistenna li dak li anqas biss seta' jimmagina l-bank u cioe` li c-*cheque* baqa' jdur mal-Istati Uniti sakemm instab li fil-fatt ma kienx hemm il-validita` jkun maghruf ghal cittadini normali jew azjendi kummercjali. Altrimenti wiehed jasal fi stadju ta' affarijiet

fejn ikun inutli li jipprocedi bil-bank. Min-naha l-ohra l-klawsola inserita fil-formola msemmija bil-kliem uzat u ikkwotat ghandu jiftah ghajnejn il-klijent. Kif inghad fuq dan mhux si tratta ta’ kwantita enormi ta’ kundizzjonijiet *in small print* izda ta’ kundizzjoni wahda pjuttost cara. Fil-kaz in ezami hemm is-sitwazzjoni li min-naha minnhom l-intimat isostni li l-kundizzjoni hija cara, hija wahda, hija facilment tinftiehem u li a bazi taghha u tal-principju tal-*pacta sund servanda* ghandha tapplika, izda li min-naha l-ohra jekk ser joqghodu jsiru kundizzjonijiet ta’ din in-natura u kullhadd ifarfar ir-responsabbilta` li suppost jassumi, naslu fi stadju fejn id-dinja ma timxix aktar. Li kienu kullhadd joqghod jaghmel kundizzjonijiet ta’ din in-natura (bhal kundizzjonijiet dwar sigurta` u sahha tal-haddiema, incidenti fuq il-lant tax-xoghol, zbalji min-nies professjonali) nistghu ninsew il-principju ta’ responsabbilta` iffissat mil-ligi. Jigi rilevat li ma irrizultax li s-socjeta` attrici hbiet xi cirkostanti mis-socjeta` konvenuta u ghalhekk ma jistax jinghad li s-socjeta` attrici ma mxietx bi buona fede. Ma hemmx provi li s-socjeta` attrici ma mxietx b’lejalta` u korrettezza. Fil-kaz in ezami l-Qorti thoss li z-zewg partijiet naqsu u cioe` s-socjeta` attrici li ipprocediet ghalkemm fuq il-formola kellha l-kundizzjoni msemmija u injoratha totalment, u min-naha l-ohra s-socjeta` intimata li ma kienx messha l-ewwel tikklerja l-fondi u wara ssostni li ma kenitx qed taghti garanzija dwar il-validita` tal-*bank draft* u titlob il-flus lura. Fil-fiehma tal-Qorti z-zewg partijiet kellhom htija indaqs u ghalhekk thoss ir-responsabbilta` tad-danni kawzati fl-istess persentagg.

***<u>D4. Danni:</u>***

Fin-nota tieghu l-bank intimat irrefera għall-*quantum* tad-danni pretiżi mill-attriċi, u irrileva li għalkemm l-attriċi tikkwantifika d-danni fl-ammont ta’ US$18,000 li huwa l-valur taċ-ċekk, it-talba tal-attriċi mhix ibbażata fuq pretensjoni ta’ rimbors ta’ l-ammont li tnaqqas mill-kont tagħha imma pjuttost fuq id-“dannu” li sofriet meta użat l-ammont depożitat biex tixtri l-merkanzija destinata għal Onola.

"Illi f'dan ir-rigward il-Bank esponenti jagħmel dawn l-osservazzjonijiet:

(i) Fl-ammont ta' USD18,000 illi qed tippretendi l-attriċi hemm inkluż anke l-marġini ta' profitt fuq il-bejgħ tas-siringi, illi ovvjament, kieku l-Bank ma aċċettax id-depożitu tad-*draft*, xorta waħda l-attriċi kienet ser "titilfu".
(ii) Għalhekk, jekk għall-grazzja tal-argument, *dato ma non concesso*, xi "danni" għandhom jitħallsu, dawn m'għandhomx jaqbżu l-valur (*cost price*) tal-merkanzija.
(iii) Mill-provi [Dok F mal-eċċezzjonijiet] jirriżulta li l-valur ta' l-ordni ta' siringi mingħand Terumo Europe MV, kien ta' €5,500 li, skond ir-rata ta' kambju indikata fuq l-istess document kienet ekwivalenti għal US$5,612.13 jew Lm2,306.29.
(iv) L-ispejjeż tat-trasport li jirriżultaw fid-dokumenti a fol 44 sa 51 jammontaw b'kollox għal Lm499.31.

Illi għalhekk fid-dawl ta' dan, l-esponenti tissottometti illi, f'każ li, għall-argument, *dato ma non concesso*, din il-Qorti taqbel mal-attriċi u jidhrilha li l-Bank kien b'xi mod "negliġenti" fl-aġir tiegħu l-ammont li semmai il-Bank għandu jiġi ordnat iħallas mhuwiex dak ta' US$18,000 (Lm7,616.79) kif qed tippretendi l-attriċi, imma dak ta' Lm2805.60 (illum ekwivalenti għal €6,535.29) li jirrappreżenta s-somma li effettivament ATG Company Limited 'ħarġet minn butha' biex tħallas għas-siringi u t-trasport tagħhom."

Il-Qorti tirrileva li taqbel ma' dan ir-ragunament, li wara kollox ma gie kontradett f'ebda hin mill-kontro-parti la permezz ta' noti u anqas fit-trattazzjoni finali.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Dwar l-eccezzjoni tal-bank intimat u cioe` li ma hemm ebda negligenza da parti tal-bank intimat, il-Qorti tichadha ghar-ragunijiet indikati hawn fuq taht "D2" u "D3".

Il-bank intimat eccepixxa wkoll il-fatt li s-socjeta` attrici hi stess kienet negligenti meta accettat l-ordni in kwistjoni u l-*bank draft* relattiv. Dwar dan l-aspett il-Qorti gja ippronunzjat ruhha f'"D3" hawn fuq u ghalhekk tichad din

l-eccezzjoni fuq il-bazi msemmija fl-istess sezzjoni, izda kif semmiet il-Qorti aktar ’il fuq iz-zewg partijiet kienu jahtu ghal dak li gara u fil-fehma tal-Qorti b’mod ugwali.

Dwar it-tielet ecczzjoni tal-kundizzjoni pattwita fid-*deposit slip* il-Qorti tirreferi ghal dak imsemmi taht “D2” hawn fuq u ghar-ragunijiet imsemmija hawn fuq tichad din l-eccezzjoni.

Is-socjeta` attrici talbet dikjarazzjoni ta’ responsabbilta` tal-bank intimat ghal danni sofferti, u kif inghad fuq il-Qorti thoss li l-partijiet jahtu ghal dak li gara b’mod ugwali.

Sekondarjament is-socjeta` attrici talbet il-likwidazzjoni tad-danni sofferti, u hawn il-Qorti tirreferi ghal dak imsemmi f’“D4” fejn l-ammont gie likwidat fl-ammont ta’ sitt elef, hames mija hamsa u tletin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€6,535.29).

Finalment is-socjeta` attrici talbet il-kundanna tal-bank intimat ghall-hlas tas-somma likwidata mill-Qorti u ghalhekk tikkundanna lill-bank intimat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tlett elef mitejn u sebgha u sittin Ewro u hamsa u sittin centezmu (€3267.65).

Spejjez bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------